ABRUZZO

Bejn il-baħar u l-muntanji

Skopri l-ġmiel tal-Abruzzo, bejn il-bajjiet ta’ Pescara, il-muntanji spettakolari tal-Gran Sasso u bliet storiċi mimlija seħer. Vjaġġ li jgħaqqad natura, kultura u devozzjoni, bi żjarat fl-Għerien ta’ Stiffe, is-Santwarju ta’ San Gabriele u l-ġonna mill-isbaħ ta’ Villa d’Este f’Tivoli.

Grupp A	Grupp B	Grupp Ċ
24 - 29 ta’ Mejju	4 - 9 ta’ Lulju	30 ta’ Awwissu - 4 ta’ Settembru



Gran Sasso - Campo Imperatore

L-ewwel jum - Sulmona u Pescara

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM612 lejn Ruma Fiumicino, li titlaq fis-07.00. Naslu fit-08.30, ħin lokali, u wara li niġbru l-bagalji nitilqu bil-kowċ lejn **Sulmona**, belt storika mill-isbaħ fil-qalba tal-Abruzzo. Din il-belt hija magħrufa għall-produzzjoni tal-confetti, il-lewż miksi biz-zokkor li spiss jintuża fit-tiġijiet u f’okkażjonijiet speċjali. Matul iż-żjara qasira tagħna ngawdu ċ-ċentru storiku, bil-pjazez eleganti, it-toroq pittoreski u l-akwedott medjevali ħdejn Piazza Garibaldi. Wara nkomplu lejn **Pescara**, fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar fil-**Hotel Esplanade Pescara 4***. Il-hotel tinsab f’pożizzjoni ċentrali ħdejn il-bajja, qrib ħwienet, kafetteriji u ristoranti.

It-tieni jum - Pescara u Giulianova

Breakfast u nibdew iż-żjara tagħna fil-parti storika ta’ **Giulianova Alta**, mibnija fuq għolja, minn fejn ingawdu veduti sbieħ lejn il-kosta Adrijatika. Inżuru ż-żona tal-**Belvedere ta’ Viale dello Splendore** u jkollna ħin liberu biex induru mat-toroq u l-pjazez. Wara ninżlu lejn il-port tas-sajd u **Giulianova Lido**, il-parti moderna mal-baħar, magħrufa għall-bajjiet twal u l-promenade tagħha. Ħin liberu għall-Lunch jew biex ingawdu l-atmosfera rilassanti ta’ mal-baħar. Nirritornaw lejn Pescara, fejn ikollna ħin liberu u l-opportunità għal mixja fuq il-lungomare.

It-tielet jum - L’Aquila u l-Għerien ta’ Stiffe

Nitilqu lejn **L’Aquila**, il-belt kapitali tal-Abruzzo, imdawra bix-xenarju sabiħ tal-muntanji tal-Appennini. Niskopru ċ-ċentru storiku, magħruf għall-pjazez, il-knejjes u l-binjiet eleganti tiegħu. Naraw kif din il-belt qed terġa’ tieħu l-ħajja permezz tar-restawr wara t-terremot tal-2009. Ħin liberu u għall-Lunch. Wara nofsinhar inkomplu lejn l-**Għerien ta’ Stiffe** (entratura extra), iffurmati matul eluf ta’ snin mill-ilma li ħaffer fil-blat. Naraw stalaktiti u stalagmiti, flimkien ma’ xmara taħt l-art u kaskati li jagħmlu din iż-żjara esperjenza partikulari. Wara nirritornaw lejn il-hotel.

ABRUZZO

Ir-raba’ jum - Santwarju ta’ San Gabriele u Gran Sasso

Wara l-breakfast nibdew il-ġurnata bi żjara fis-**Santwarju ta’ San Gabriele dell’Addolorata**, li jinsab f’riġlejn il-muntanji tal-Gran Sasso. Dan is-santwarju huwa post importanti ta’ pellegrinaġġ, iddedikat lil San Gabriele, magħruf għad-devozzjoni kbira li jgawdi fir-reġjun. Ikollna ħin biex inżuru s-santwarju u għal ftit talb personali. Wara nkomplu lejn iż-żona tal-**Gran Sasso**, wieħed mill-aktar pajsaġġi spettakolari tal-Appennini, b’qċaċet għoljin, widien u meded kbar ta’ natura. Ikollna l-opportunità li nitilgħu bil-**funivia** (ħlas extra) biex ingawdu aktar mill-veduti tal-muntanji.

Il-ħames jum - Lanciano, Shopping u Chieti

Eskursjoni għal **Lanciano**, belt storika mibnija fuq l-għoljiet tal-Abruzzo. Nagħmlu mixja fiċ-ċentru antik, bit-toroq dojoq, il-pjazez u l-binjiet storiċi tiegħu. Lanciano hija magħrufa wkoll għas-**Santwarju tal-Miraklu Ewkaristiku**, fil-Knisja ta’ San Francesco. Wara nofsinhar nagħmlu waqfa f’**ċentru kummerċjali**, fejn ikollna ħin liberu għax-shopping. Inkomplu lejn **Chieti**, waħda mill-eqdem bliet tal-Italja. Ngawdu ċ-ċentru storiku, **Corso Marrucino** u **Piazza San Giustino**, fejn jinsab il-katidral. Wara nirritornaw lejn il-hotel.

Is-sitt jum - Tivoli u Villa d’Este

Wara l-breakfast inħallu Pescara u nitilqu lejn **Tivoli**, belt storika fuq l-għoljiet qrib Ruma. Hawn ikollna l-opportunità li nżuru **Villa d’Este** (entratura extra), magħrufa għall-ġonna Rinaxximentali tagħha. Ngawdu terrazzi, passaġġi u għadd ta’ funtani li, flimkien mal-ħoss tal-ilma u l-ħdura, joħolqu atmosfera tassew speċjali. Ikollna wkoll ħin liberu. Wara nkomplu lejn l-Ajruport ta’ Fiumicino għat-titjira **KM615**, li titlaq fid-21.00. Naslu lura Malta fit-22.30.



Pescara



Villa d’Este, Tivoli

Prezz kull persuna - Eskursjonijiet u Taxxi inklużi

	Prezz Skontat
Kamra ta’ tliet persuni	**€930**
Kamra ta’ żewġ persuni	**€935**
Kamra ta’ persuna waħda	**€1060**
Tfal sa 11-il sena f’kamra ma’ żewġ adulti	**€835**
Suppliment Grupp Ċ	**€25**

Prezz jinkludi
Titjira mal-KM Malta Airlines għal Ruma
20kg Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
5 iljieli fil-Hotel Esplanade 4* fiċ-ċentru
Breakfast Buffet kontinentali
Taxxi tal-ajruport · Tour Leader
Insolvency Protection

Prezz ma jinkludiex
City Tax
Kull tip ta’ entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ.

Jista’ jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.

Ritratti: Gran Sasso © RaBoe/Wikipedia, CC BY-SA 3.0; Pescara © Giulio Gigante, CC BY-SA 2.0; Tivoli © Daderot, CC0. Daqs aġġustat.